# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DEĊIZJONI NRU: 2956

**Kaz Numru : 3933/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol**

**bejn**

**Jennifer Tonna (281976M)**

**u**

**IDEA Advisory Ltd (C 32958)**

**dwar tkeċċija mill-impjieg allegata nġusta**

**Chairperson : Avv Doreen Parnis M.Adv., LLB., Dip. L.P.,M.A., B.A., P.G.C.E.**

**It-Tlieta 14 ta' Novembru, 2023**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz ġie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' Rikors mill-Avv Andrew Borg Cardona għan-nom tar-rikorrenti Jennifer Tonna fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri nhar -il-11 ta' Jannar 2021, fejn iddikjara illi t-tkeċċija minn mas-soċjeta' ntimata ma' saritx għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa minn naħat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazjonijiet ta' l-avukati difensuri.

**Rapprezentanza**

Jennifer Tonna li minn issa l-quddiem ser tissejjaħ ir-rikorrenti, kienet rapprezentata mill-Avv Andrew Borg Cardona u l-Avv Eve Borg Costanzi.

IDEA Advisory Ltd li minn issa l-quddiem ser tissejjaħ is-Soċjeta' ntimata kienet rapprezentata mill-Avv Christine Calleja.

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrenti kienet taħdem bħala part-timer fit-18 ta' Ottubru 2018 u wara bħala full timer biex tieħu ħsieb l-istrateġija tal-*marketing* tal-kumpanija. Hija qalet li matul ix-xhur ir-rwoli tagħha bdew jizdiedu flimkien mal-ammont ta' xogħol u kellha tqatta' siegħat twal ta' xogħol li ma kienx qed jiġi rifless fil-paga. Ir-rikorrenti tgħid li bdiet tiġbed l-attenzjoni tal-prinċipal u dan minn naħa tiegħu daqqa jgħidilha li se jnaqqsilha x-xogħol u daqqa li se jzida fil-paga u x-xhur komplew għaddejjin. Hija tgħid ukoll li f'Lulju tas-sena 2020 t-tensjoni zdiedet u kkomunikat b'email li mhux se taċċetta aktar xogħol li ma jkollux x'jaqsam mal-*marketing* u *sales*. Huma ftehemu li r-responsabbilitajiet jidħlu fis-seħħ mal-iffirmar tal-kuntratt u r-revizjoni tal-paga tibda mill-1 ta' Jannar. Hija tgħid li l-irwoli baqgħu ma kienux ċari u reġgħet zdiedet it-tensjoni u l-inċertezza. Fit-22 ta' Settembru kellha laqgħa mal-prinċipal u s-sinjura tiegħu fejn ġiet infurmata li ma kienux se jzommuha aktar u li se tinagħta s-somma ta' elf wro (€1000) u dak kollu dovut bil-liġi u ittra ta' riferenza pozittiva. Hija tgħid li wara xi ġranet intqal lilha wkoll mill-prinċipal li kellu bazi fuq xhiex ikeċċiha izda hi ma kinitx taf x'inhi din il-bazi għax ma ntqalitx lilha. Wara li hija stess bagħtet ittra b'avukat, biex il-kwistjoni tirrizolva barra mill-qorti, din ma ġietx milqugħa u rċeviet risposta b'għadd ta' akkuzi barra mill-kuntest li saru fih.

Fir-risposta tagħha s-soċjeta' qalet li kellha raġunijiet validi għaliex itterminat l-impjieg tar-rikorrenti fid-29 ta' Settembru 2020. Is-soċjeta' tghid ukoll illi b'ittra ir-rikorrenti wieġbet għall-akkuzi u marret oltre' meta ddikjarat illi il-pozizzjoni tagħha ma baqgħetx aktar tenibbli u ma kinitx qed tħossha komda taħdem mas-soċjeta' esponenti u li se tirrezenja u tfittex lis-soċjeta' għall-*constructive dismissal*. Dan ġie kkunsidrat bħala rikatt mis-soċjeta' u ma kienx aċċettabli.

**Ġabra fil-qosor tax-xhieda**

**Silvio De Bono** fil-kapaċita' ta' Managing Director mas-soċjeta ntimata qal li s-soċjeta' hija parti minn grupp zgħir ta' kumpaniji li toffri konsulenza maniġerjali. Huwa qal li kien kuntent ħafna b'xogħolha u maz-zmien uriet ix-xewqa li tagħmel xogħol relatat mar-reġistrazzjoni tal-istudenti u xogħol amministrattiv ieħor u kien hawn li bdew il-problemi. Huwa qal ukoll li meta ddiskuta magħha dwar revizjoni ta' paga u responsabilitajiet, minkejja li l-prassi kienet li z-zidied fil-pagi jsiru f'Jannar ir-rikorrenti riedet iz-zieda imminenti. Huwa qal ukoll li kien hemm diversi nuqqasijiet fix-xogħol tagħha li kellha tagħmlu u ma għamlithomx u meta staqsa qaltlu li kienet fuq strajk. Ix-xogħol li naqset milli tagħmel kien *invoicing* tal-istudenti, ma ħarġitx irċevuti lill-istudenti, ma rreġistratx studenti fid-*database*, u wkoll ma tatx dokumentazzjoni kif kienet mitluba minnu stess. Huwa semma wkoll inċident fejn fetħet *account* ma' *Linkedin* f'isimha bil-finananzi tal-kumpanija. Qal ukoll li approvat boroz ta' studji sħaħ minagħajr il-kunsens tiegħu, meta huwa ta kunsens għal parti minnu u mhux totali.

F'seduta oħra x-xhud qal li bħala ezempji ta' insabbordinazzjoni hemm : waħda meta r-rikorrenti naqset milli tesegwixxi ordni li ta x-xhud stess biex tipparteċipa f're-engineering ta' waħda mill-kumpaniji, u rrifjutat; ezempju ieħor meta ma tatux *marketing plan* u meta ma riditx taġġorna r-*records* ta' min ħallas jew ma ħallasx. Ezempju ieħor huwa n-negligenza fejn jidħol *marketing* bħal *Facebook* u *Linkedin*.Ix-xhud qal ukoll li wara ċ-*charge letter* u wara li r-rikorrenti bagħtet email b'risposta għaliha, x-xhud qal li kienu reġgħu ltaqgħu u xorta ma ftehmux u qallha li r-relazzjoni lavorattiva għandha tispiċċa. Qal ukoll li meta nqala' l-argument fuq il-paga kien qallha li se jzidha meta jzid lil kulħadd f'Jannar u kellha ittra bid-doveri tagħha u staqsiha jekk taqbilx magħhom jew le, imma ppretenda li jaqblu bejniethom mhux kif trid hi biss. Ix-xhud irrefera għall-ittra tat-28 ta' Settembru 2020 li fiha r-rikorrenti rrikattatu.

F'seduta oħra in-kontro-ezami x-xhud ikkonferma li x-xogħol tar-rikorrent kien ta' *Marketing consultant*, li qablu li minkejja kien hemm tibdil fir-rwol, xorta zammew l-istess titlu. Huwa qal li ma kienx purament *marketing* izda *advertising*, ir-rikorrent kenet bdiet part time u mbagħad ġiet full time. Ix-xhud qal li kien zmen il-covid u nehdew programmi ġodda li saru popolari u fl-ewwel xhur tal-Covid, kellu nfluss partikolari u kulħadd baqa' bl-istess paga. Ix-xhud ikkonferma li qabbdu kumpanija oħra biex tieħu ħsieb l-*advetising*

Imma ma kienx sodisfatt bix-xogħol tagħhom. Huwa qal li għall-bidu kien kuntent ħafna bir-rikorrenti u l-*performance bonus* sakemm l-affarijiet kienu sew, dejjem ħaditu.Huwa qal ma ħaditux lejn l-aħħar meta ġiet itterminata. Ix-xhud ikkonferma li r-rikorrenti kellha impjieg li kien jikkonsisti f'numru ta' *tasks* differenti. Ix-xhud qal li mhux kwistjoni ta' *Google sheets* izda kien jippretendi li meta jqabbad Manager biex jassumi responsabbilita' li toħroġ *invoices* li kienu jiddependu minn katina ta' affarijiet, tagħmel dan. Huwa ikkonferma li kien hemm diversi *tasks* li ma sarux. Ix-xhud qal li huma kienu qablu, fuq talba tar-rikorrenti stess li tibda tagħmel l-*invoices* hi għax rat li hu (x-xhud) kien qed jagħmel mitt ħaġa oħra. Qal ukoll li z-zieda li kellha tieħu ftehmu fuqha sew verbalment u sew bil-kitba. L-offerta saritilha fil-25 ta' Awwissu 2020 u ġie offrut lilha l-post ta' *Marketing and Sales Manager* li kellu jkun b'salarju ta' disa' u tletin elf ewro (€39,000), *disturbance* ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400), trasport għal elfejn u erba' mitt ewro (€2,400) u zieda oħra ta' elf u mitejn ewro( €1,200) u b'kollox is-somma titla' ghal sitta u erbin elf u ħames mitt ewro (€46, 500).
F'seduta oħra in-kontro-ezami x-xhud qal li l-istanzi ta' insabbordinazzjoni esperjenzahom hu personalment u jidher li dan beda meta hu ma baqax idaħħalha f'ċerti affarijiet a favur tagħha biex inaqqsilha x-xogħol. Huwa qal li meta kienu ftit ma kienx izomm lista ta' attendenza u kien flessibbli, kien jalloka għal madwar siegħa jew siegħa u nofs x'ħin jidħlu jew ma jidhlux xogħol. Meta ssuġerixxa li tinzamm l-attendenza, sab oġġezzjoni mir-rikorrenti. Huwa qal li r-rikorrenti bdiet tilmenta fuq kollox anke jekk *photocopier* tmurx minn rokna għal oħra. Huwa qal li qatt ma taha twissija formali għax ma kinitx il-prassi f'organizazzjoni zgħira. Illum jgħid seta' għamilha bil-miktub, izda għamilhom verbalment. Dak iz-zmien kienu għaxar minn nies, illum li qegħdin erbgħin *full-timer* u *part-timers* u mal-mija u ħamsin *lecturer*, ovvjament m'għadux imexxi bl-istess mod. Huwa kkonferma wkoll li Clifford Spiteri li kien jirrispondi lir-rikorrenti, ġie mġiegħel minnha biex ma' jagħmilx li jgħidlu u hu dan jafu fiċ-ċert għax qaltlu r-rikorrenti stess. Huwa qal li qaltlu li sakemm itiha z-zieda hija se tkun taħt strajk. Ix-xhud qal li r- rikorrenti ma aċċettatx li l-affarijiet jinbidlu u ma jibqgħux kif ridithom hi avolja l-kumpanija bdiet tespandi, bdew proċeduri ġodda u metodi ġodda. Tant beda jiddejjaq bl-attitudni tagħha li hu stess beda jmur imdejjaq fuq il-post tax-xogħol tiegħu stess.

Huwa kkonferma li fost it-*tasks* li baqgħet ma tridx tagħmel kien hemm : *book keeping, marketing plan,* spiza ta' *advertising*, korrispondenza ma' *Linkedin,* korrispondenza ma' *Facebook*, korrispndenza mal-istudenti, korrispondenza mal-MTA.

Dawn qatt ma ġew aġġornata. Huwa qal li la bdew jikbru ma setax jibqa' jiddependi fuq persuna waħda, izda, qal beda jsib rezistenza għax riedet tibqa' tagħmilhom hi.

**Anne Bharwani** bħala *Training and Business Development Manager* li kienet ukoll kollega tar-rikorrenti. Ix-xhud qalet li suppost kellhom jikkollaboraw flimkien izda r-rikorrenti ma kienitx taħdem ġo tim. Hija qalet li għamlet minn kollox biex tinvolviha, izda din ma riditx taqsam magħha informazzjoni. Hija qalet li f'xogħlha suppost ġiet iggwidata mir-rikorrenti u din naqset li tagħmel dan. Ix-xhud qalet ukoll li xogħlha kien aktar fuq barra milli fl-uffiċċju, izda minħabba l-Covid dan kellu jinbidel u bdiet tqatta' tmien siegħat fl-uffiċċju. Hija qalet li tat ir-rezenja tagħha għax ma setgħetx tistaporti lir-rikorrenti fl-uffiċċju u l-attitudni negattiva tagħha.

**Sandy Beiruty Suleiman** bħala *senior consultant* mas-soċjeta' qalet li f'Awwissu 2020 ġew imqabbda biex jirrevedu l-operat. Hija qalet li kellha tkellem lil kulħadd inkluz lir-rikorrenti biex tiġbor l-informazzjoni u tispjegalhom. Hija qalet li kulħadd aċċetta minbarra r-rikorrenti.

**Alexei De Bono** bħala direttur ta' *IDEA Intelligence* qal li kulħadd kellu *laptop* tiegħu u kienu trasferixxew kollox fi *cloud* bħal *sharepoint*. Huwa qal li kien ipporjbit li tuza *accounts* personali u dan għax jekk ezempju jitilef xi *file*, ikun jista' jiġi rikoverat. Jekk jintuza *account* personali ma jkunx hemm aċċess għalihom ħlief mill-persuna li tikkreah Ix-xhud qal li kulħadd obda minbarra r-rikorrenti li sar jaf li kellha *Linkedin* u *account* ta' kumpanija b'*account* personali. Meta nduna, huwa qal li ġibdilha l-attenzjoni izda hi baqgħet tuza tagħha. Huwa qal li l-*Microsoft programes* li juzaw huma, huma addattati biex juzawhom il-ħaddiema tas-soċjeta' biss. L-*IT* u l-*matketing* kien ikkontrolloat mir-rikorrenti biss. Il-periklu, zied jgħid ix-xhud, hu li sal-lum ir-rikorrenti minkejja li m'għadhiex taħdem magħhom, għandha kontroll fuq dawn l-*accounts* tas-soċjeta'. Huwa spjega li l-anqas hu bħala direttur ma jista' jgħid lil Google biex jirrevoka dan l-aċċess għax hu mhux amministratur tal-*account* personali li bih operat ir-rikorrenti.

Minkejja li m'għadhiex magħhom, ix-xhud qal li s-sistemi tal-kumpanija jridu jibqgħu għaddejjin bħal *Linkedin*, *Facebook* u records interni tal-istudenti. Huwa qal ezempju *Linkedin* huwa s-*social network* li jirriklamaw fuqu.

Ix-xhud qal li beda jirċievi biex iħallas lil Linkden  kull tliet ijiem madwar mitt ewro (€100) mingħajr ma kien ikun irreklama f'dak il-perjodu u l-anqas ma kien ikun u saru ebda posts. Dan seħħ wara li r-rikorrenti telqet minn mas-soċjeta'.

Huwa qal li biex jaqbad art  x'kien qed jiġri kellu jċempel l-Amerka u l-Ingilterra u għaddew ġimgħat biex ikkonvinċihom min hu u li jirrapprezenta s-soċjeta'. Minħabba li hu mhuwiex l-amministratur li qed joħroġ il-flus, m'għandux saħħa jwaqqfu jew joperah għax għadu f'isem u mħaddem mir-rikorrenti.  L-anqas mal-bank ma seta' jiċċara din u kellu jibgħat  mas-sittin *invoice* u  kopji ta' dokumenti biex jipprova  li qed  jgħid. Huwa qal li xorta ma setgħux ituh aċċess izda li għamlu qaċċtulu l-*business asset*, il-paġni ta' *Linkedin* tal-kumpanija minn ma' l-*account* tar-riklamar. Fetħulu wieħed ġdid u hu jista' jikkontrolla dak. Izda, qal -ix-xhud, l-antik bl-*invoices* l-antiki u kull kuntratt li kien iffirmat ma' jistax ikun jaf x'inhu u l-anqas immissu. L-istess ħaġa ġara ma' *Facebook* għax dan igiegħlek tuza  l-account tax-xogħol *Facebook Business Manager* fejn jidħlu  d-dettalji. Ix-xhud qal li l-*business assets* tas-soċjeta' kellhom paġna ġo *Facebook*  li kienu  marbutin mal-*billing account*  li huwa operat bil-*card* tal-kumpanija. L-amministratur tal-*billing account* kienet ir-rikorrenti li uzat l-*account* personali tagħha biex tagħmel dan. Kellu jagħmel l-istess proċedura ta' *invoices* jiġifieri jqabbilhom mal-*card* biex  jikkonvinċihom min hu. Meta kien għaddej dan il-proċess,  l-amministratur ta' *Facebook* infurmah li hemm *business asset* ieħor li hu ma għandux aċċess għalih, li x-xhud innifsu ma kienx jaf bih. Kienet *business asset* oħra b'isem differenti li b'xi mod kienet marbuta mal-card tas-socjeta'. Din il-kumpanija li sar jaf biha ma għandha xejn x'taqsam magħhom, u hija kompletament differenti.

Għad-domanda tat-Tribunal x-xhud qal li dan kollu skoprewh wara li r-rikorrenti kienet ġiet itterminata. Qal ukoll li hu kien iħallas izda, l-amministartur tal-*account* kienet ir-rikorrenti. Ix-xhud semma' wkoll it-tielet pjattaforma, *Canva*, li l-istess ikollu jibqa' joħroġ flus li ma jistax iwaqqaf qabel jgħaddu ġimghat sakemm jikkonvinċihom u jipproduċi l-evidenza kollha li hu jirrapprezenta s-soċjeta'.

**Jennifer Tonna** b'affidait qalet li ilha taħdem mas-soċjeta' ntimata sa minn Ottubru 2018, l-ewwel  fuq bazi part time bħala *Marketing Consultant*. Ix-xhud qalet li bdiet tipprova tiskopri s-sistemi li kienu jintuzaw u d-*data* li kellhom tal-istudenti li kienu madwar sittin (60).  Kien hemm ukoll ezistenti il-paġni fuq *Facebook* u *Likedin* u s-soċjeta' ziedet  lix-xhud bħala amministratur tal-*accounts*.

Hija qalet li bdiet tipprova tibni sistema ta' kif tinzamm l-informazzjoni b'mod strutturat u bniet *google sheets* li kienet tippermetti li jzommu dawn id-dettalji biex jagħmlu follow-ups. Ix-xhud qalet li *google sheets* kellhom aċċess għalihom diversi nies inkluz Dr. De Bono.

Hija qalet li Dr. De Bono talabha tagħmel xi reklami, li għalkemm ma kinitx disinjatur, kellha *free account* ma' Canva u bdiet tesperimenta. Ir-rispons għal dan kien tajjeb. Ix-xhud kompliet tgħid li bdiet tagħmel laqgħat mal-istudenti prospettivi u bdiet taħdem aktar minn għoxrin (20) siegħa fil-ġimgħa, tant li ingħalqet klassi fil-*management course* u oħra fil-governanza livell 7 u klassi f'livell 5. Hija qalet li beda jgħaddi z-zmien u wasal iz-zmien li jinħargu l-*invoices* tal-korsijiet. Bdiet issir diffiċli li jinzamm amment ta' *invoices* u minħabba l-impenji li kellu Dr. De Bono offriet li tibni *google sheet* oħra u Dr. DeBono ken joħroġ l-*invoices* b'aċċess għal din il-*google sheet*. Ix-xhud qalet li bdiet tieħu ħsieb li zzomm kuntatt mal-*Malta Enterprise* li kienet toffri skemi ta' *sponsorship*. Hija qalet li x-xogħol zdied sew u l-*peformance bonus* dejjem ħaditu sħiħ. Ix-xhud tgħid li Dr. De Bono kien qed jabbuza mill-fatt li kienet tagħmel iktar xogħol milli kienet imħallsa għalih.

Ix-xhud qalet li waslet il-covid u kien hemm allura skema tal-MTA li offriet korsijiet b'xejn lill-persuni li jaħdmu fis-settur tat-turizmu. Dan it-*tender* kompla zied ix-xogħol. Ix-xhud qalet li kien hawn li tablet lil Dr.De Bono biex jirrevedu l-kuntratt. Hija offrietlu zewg alternattivi- li tiffoka biss fuq *marketing* kif kien l-arranġament inizzjali, jew isaħħu it-tim, izzomm ir-responsabbilita', imma tizdied il-paga wkoll izda fl-ebda ħin ma rreferiet għall-ammont ta' kumpens. Hija qalet li fil-ġimghat ta' wara komplew jitkellmu fuq din il-proposta imma xejn ma kien ikun konkret. Ix-xhud qalet li bagħtet email fejn qaltlu li jekk sa l-aħħar ta' Lulju tkun għadha ma ttiħditx direzzjoni, hija ma kinitx se tibqa' tagħmel xogħol li mhux relatat ma' *marketing* u se timxi skond il-ftehim li kellha meta bdiet. Filfatt ma nbidel xejn fl-aħħar ta' Lulju. Wara x-*shutdown*, Dr. De Bono bagħtilha email bid-dettalji ta' kuntratt ġdid. Ix-xhud qalet li din l-email offriet pozizzjoni ta' *sales and marketing manager*, b'zieda fil-paga ta' madwar elfen ewro (€2000) fis-sena u zieda fil-bonus.

Ix-xhud irringrazzjatu tal-offerta u staqsietu biex iqassam il-bonus mal-paga, biex b'hekk iz-zieda fil-paga tkun aktar tanġibbli. Ix-xhud qalet li qatt ma tkellmu aktar fuq dan u qallha li qed jerga' jevalwa l-affarijiet.

Hija qalet li ftit wara talabha jiltaqgħu u f'din il-laqgħa qallha li peress li t-tensjoni bejniethom zdiedet, talabha tirrezenja. Hija qalet li talbitu ftit ħin biex taħsibha.

Ftehmu biex jiltaqgħu dak inhar stress wara nofs in-nhar. Fuq parir tal-avukat tagħha hija talbet ftit aktar ġranet biex tara d-drittjiet tagħha, liema risposta ma tteħditx tajjeb minn Dr. De Bono. Hija qalet li kien hawn li talabha l-*passwords* imma hija qaltlu li għal raġunijiet ta' sigurta' ma tafhomx bl-amment izda kellha kollox fil-*laptop* tax-xogħol. Hija qalet li dak il-ħin stress urietu li neħħiet l-aċċess li kellha għall-paġni ta' *Facebook* u *Linkedin* u neħħiet l-*app* li kienet ittiha l-aċċess biex tara l-emails.

Ix-xhud qalet li kienet taħdem fuq zewg *google sheets* differenti u dawn kellhom aċċess għalihom kull min kellu bzonn u wkoll spjegat lil Dr. De Bono kif kien l-aħjar mod biex jinħargu l-*invoices* billi jiġi kollox impoġġi fuq il-programm *Sage*. Jiha qalet li x-*sheet* ma kienitx mibnija biex tagħmel rikonċiljazzjoni ma' *accounts* għax dan seta' jsir biss mis-sinjura De Bono li kellha aċċess għal kontijiet u l-pagamenti li kienet tirċievi. Ix-xhud qalet li hija kienet toħroġ l-*invoices* biex tgħin lis-sinjura De Bono. Hija qalet li meta l-istudenti bdew jizdiedu daħal jaħdem magħhom it-tifel ta' Dr. De Bono, Alexei De Bono u beda jipprova jibni sistema biex jindirizza l-ħtieġa ta' *data base* u sakemm spiċċat mill-impjieg, din is-sistema kienet għadha qed tinbena.

Hija qalet li meta ġiet mitluba tirrezenja ma fetħet l-ebda waħda minn dawn ix-*sheets* anzi l-avukat tagħha bagħat ittra lil Dr. De Bono biex jinnotifikah biex tiġi maqluba d-*data* fuq sistemi oħra. Hija qalet li ma kien hemm l-ebda *software* tal-kumpanija li hija setgħet tuza.

Rigward *Canva* qalet li din ukoll kienet inizjattiva tagħha biex tagħti xogħol aħjar minkejja li mhix dizinjatur izda Dr. De Bono talabha b'mod dirett biex toħloq *artwork* u *posts* li kienu qed ikunu aktar effettivi milli kienet tagħmel l-aġenzija tal-*marketing*. Hija qalet li għal dan kienet tuza il-*Canva* tagħha. Qalet ukoll li fetħet kont u kkonnetjat ma' *Facebook* u allura fetħet kont b'xejn. Wara ftit, ix-xhud irrealizzat li din is-sistema toffri aktar *features* u ritratti li setgħu jgħinuhom u kien hemm offerta għal perjodu ta' prova b'xejn. Meta rat id-differenza fir-rizultat urietha li Dr De Bono u hu qallha biex jagħmluha u s-sinjura De Bono tatha d-dettalji tal-*credit card*.

Hija qalet li l-kollega tagħha Clifford ukoll kellu aċċess għal dak kollu li kienet qed tikkrea fuq il-kont tagħha. Ix-xhud qalet li ppostjat fuq il-*media* soċjali jew uzatu għall-

fini tal-grupp skond il-bzonn u meta ma baqgħetx taħdem mas-socjeta' ntimata hija qatt ma reġgħet fetħet l-*account* li kienet tuza għax-xogħol.

Rigward il-kont tal-*Linkedin*, ix-xhud insistiet li kull meta għamlu posts sponsorjati fuq reklutaġġ jew *martketing*, dan dejjem sar b'awtorizazzjoni ta' Dr. De Bono, tant li l-kont tal-*credit card* kienet tirċevieh is-Sinjura De Bono kull xahar. Ix-xhud qalet li ssibha diffiċli tifhem kif damu daqshemm biex skoprew b'din in-nefqa meta l-*credit card* kellha *two-key verifications* u l-SMS kienet tirċevih is-Sinjura De Bono u għalhekk ma tifhimx kif ma tawhiex telefonata jew staqsewha x'ġara, jew ikkuntattjawha b'avukat kif għamlet hi biex avzathom fuq ix-*sheets.* Ix-xhud qalet li lanqas ma tifhem għala ma mblukkawx il-*credit card*.

In Kontro-ezami ix-xhud ikkonfermat li r-relazzjoni mas-soċjeta' kienet tajba ħafna u bdew jiddiskutu b'mod kostruttiv u kien hemm fiduċja reċiproka speċjalment meta l-kumpanija kienet għadha qed tibda. Minn mija u ħamsin fil-bidu, zdiedu għal madwar sitt mija. Ix-xhud qalet li li kienet hi stess qed tikkrea sistema li tissapportja din iz-zieda ta' student u hi stess kellha ssostni s-istema la kienet ħolqitha hi. Hija qalet li bdiet tħoss li qed jgħaddiha biz-zmen Dr De Bono meta bdew jinnegozjaw ftehim ġdid dwar il-paga u l-kundizzjonijiet tagħha. Hija qalet li suppost kellha tkun qed tagħmel xogħol ta' *marketing* u allura ma kellhix għalfejn tagħmel ukoll xogħol ta' reġistratur. Ix-xhud qalet li mbagħad minkejja li kienet tkun fdata tagħmel xi xogħol minn Dr De bono u mbagħad hija tiddelega lil Anne Bharwani, din ta' l-aħħar terġa' tmur tiftiehem ma' Dr. De Bono u spiċċaw trijangolu. Hija kkonfermat li ma talbitx zieda izda revizjoni tax-xogħol li beda jizdidilha. Hija qalet li t-talbiet tagħha kienu ċari, jew terġa' tiffoka biss fuq *marketing* kif kienet fil-bidu , jew jekk tieħu ħsieb l-operat kollu jiġi rivedut il-kuntratt tax-xogħol b'revizjoni tas-salarju u hawn ma talblet l-ebda ammont speċifiku. Hija kkonfermat li qalet lil Dr De Bono li jekk sa l-aħħar ta' Lulju l-kuntratt ma jiġix rivedut, hija kienet se terġa tibda tagħmel biss *marketing.* Hja qalet li staqsiet lil Dr. De Bono, jekk il-kuntratt hux se jiġi rivedut u f'dan in-nuqqas ġibditlu l-attenzjoni dwar min issa se jkun qed jieħu ħsieb il-paġni ta' *Facebook*, l-*accouts* u min se jkun qed joħroġ l-*invoices*.

Sadanittant daħlu lura mix-*shut down* u qallha li se jieħu over hu għax ma kinitx xi ħaġa ta' barra minn hawn. Hija kkonfermat ukoll li l-proposta li ġiet wara mingħand Dr De Bono kienet tinkludi zieda ta' elfejn ewro (€2000) zieda fil-bonus li hjia xtaqet li minflok tieħdu fl-aħħar tas-sena, xtaqet li jinqasam menswalment mas-salarji ta' matul is-sena u Dr De Bono minn naħa tiegħu ma qalx le, izda qallha li se jerġa' jkellimha.

Ix-xhud qalet li għall-akkuza li ma kinitx qed tagħti rendikont tal-*markting* kif kien mistenni minnha, hija qalet li dawn kienu aspetti li kienu jiġu diskussi informalment, u tant kien hemm affarijiet għaddejin li kienu għadhom qed jibnuh. Ix-xhud qalet ukoll li ma kellhix *credit card* tal-kumpanija liema *card* kellha *two-factor identification* u kull darba li jsir pagament is-Sinjura De Bono kienet tirċievi code li kienet tgħaddiha jew lix-xhud stess jew lill-kollegi oħra. Hija qalet li biex tibbenefika minn *social media, facebook, linkedin* kellha ddaħħal id-dettalji tal-*credit card*. Dawn i-dettalji, qalet ix-xhud, kienu fis-sistema. Hija qalet li meta kienet tgħidilha biex tmexxi, hekk kienet tagħmel. Ix-xhud qalet li l-*invoices* kienu jkunu fuq l-*excel sheet* u l-*excel sheets* kienu mizmuma fil-computer. Hija qalet li meta bdew jizdiedu l-istudenti bdiet tagħmel l-*invoices* hi għax qabel fil-bidu kien jagħmilhom

Dr De Bono. Hija qalet li meta zdied ħafna ġibdet l-attenzjoni tas-sur De Bono li ma setgħux jibqgħu jagħtu l-korsijiet u ma jitħallsux għax *invoices* ma kienux qed joħorġu. Hija kkonfermat li Dr. De Bono mhux l-ewwel darba li uza l-email tagħha privat biex jikkuntattjaha fuq xogħol, u kienet xi ħaġa magħrufa li hija bniet il-*google sheet* fuq il-*gmail* tagħha privat u mhux tal-kumpanija.

Għal mistoqsija tar-ri-ezami x-xhud qalet li mill-*google sheet* jekk xi ħadd iħassar jew jemenda xi informazzjoni, kulħadd seta' jkun jaf. U kien hemm trasparenza ta' x'ġara u ma ġarax. Hija qalet li din kienet bħala bazi biex tinbena *data base* għax ma kinitx tezisti sa dak inhar. HIja qalet ukoll li ma rrifjutatx il-kuntratt il-ġdid, izda baqa' fil-fazi ta' diskussjoni imma s-Sur De Bono ma ġiex lura b'risposti.

**Sintesi tat-trattazzjoni tal-kaz**

**Dr Christine Calleja** għan-nom tas-Soċjeta' ntimata qalet li dan kaz fejn it-tkeċċija ma kinitx inġusta fejn l-istorja bdiet dwar raġunijiet ta' *performance* pero' mbagħad eskalat għall-kaz ta' insabbordinazzjoni. Dr Calleja rreferiet għax-xhieda
tas-Sur De Bono fejn hu stess qal li kien kuntent ħafna bir-rikorrenti fil-bidu. Ma kellu l-ebda ntenzjoni u l-anqas x'jottjeni billi jitterminha Dr Calleja qalet li x-xhud kienet taħdem sew izda mbagħad għal xi raġuni nqala' dizgwid, kif jidher mill-istess xhieda, hemm elenku ta' problema, hekk kif hemm ukoll fiċ-*charge letter*.
Dr Calleja semmiet kif ir-rikorrenti ma kinitx qed tieħu ħsieb ċertu affarijiet; ma bdietx tagħti rendikont ta' dak li kienet qed tagħmel u wkoll kien hemm problemi ma' kollegi oħra tar-rikorrenti. Dr Calleja rreferiet ukoll għax-xhieda ta' Ann Bharwani fejn ix-xhud qalet li r-rikorrenti ma kinitx qed tikkopera, u allura ma setgħux jaħdmu bħala tim u

ssemmiet ukoll email li kellha ton kattiv li x-xhud irċeviet mingħand ir-rikorrenti. Dr Calleja qalet li din ix-xhud ma kinitx taqa' taħt ir-rkorrenti, u allura wieħed jista' jimmaġina kif kienet titratta lil ta' taħtha. Dr Calleja rreferiet ukoll għax xhieda ta' Sandy Beirut Suleiman fejn din kienet imqabbda mis-soċjeta' biex tiġbor ftit xi rwol kienu qed jagħmlu l-impjegati. Dr Calleja rreferiet għall-fatt li s-soċjeta' kienet kumpanija zgħira u mbagħad bdiet tespandi, u allura nħass il-ħtiega li jiġu determinati l-irwoli tal-imjegati li kienu qed jizdiedu. Dr Calleja semmiet kif ix-xhud qalet li r-rikorrenti ma riditx tipparteċipa. Hija qalet li din ma kinitx għazla jekk wieħed jipparteċipax u li z-zewg xhieda rreferew għall-kwistjoni bħala waħda ta' attitudni mhux *performance.* Dr Calleja rreferiet ukoll għax-xhieda ta' Alexei De Bono fejn ħareġ kif ir-rikorrenti kienet tuza l-email tagħha minflok dak tal-kumanija biex taċċessa u biex tiddilja fuq dawn l-*accouts* u ħolqot problemi lis-soċjeta' speċjalment meta telqet għax is-soċjeta' l-anqas biss setgħet taċċessa l-*accounts* tagħha. Dr Calleja qalet li nħolqot konfuzjoni wkoll għax bdew isiru xi pagamenti fosthom ll-*Linkedin* li ħadd ma kien jaf dwarhom u ma kinux jafu għal xhix qed iħallsu. Dr Calleja qalet li allura apparti l-attitudni kien hemm anke issues ta' traskuraġni u staqsiet jekk forsi dan kienx rizultat ta' kunfidenza zejda, jew forsi s-Sur De Bono fdaha z-zejjed u r-rikorrenti abbuzat mill-ġenerozita' tiegħu. Dr Calleja qalet li min iħaddem spiss ikun ikkritikat kif jitratta kazi ta' insabbordinazzjoni, bħal meta wieħed jaqbad u jkeċċi mingħajr ma wieħed isegwi proċedura tajba. Dr Calleja qalet li s-Sur De Bono minflok keċċiha meta beda jara dawn l-affarijiet, meta ra l-problemi mar ikellimha u r-rikorrenti qaltlu li qegħda fuq strajk. Dr Calleja qalet li anke kienu bdew diskussjnijiet dwar zieda fil-paga. Dr Calleja qalet li r-rikorrenti riedet iz-zieda inkella mhux se tagħmel ċertu dmirjiet iktar u ddeċidiet li tmur fuq strajk. Dr Calleja qalet li fil-proċess dixxiplinarju, inħarġet iċ-*charge letter*, f'liema stadju wieħed jista' ma jweġibx u jirrezenja, izda rrikorrenti wieġbet li jekk hija ma titkeċċhiex xorta se titlaq u tiftaħ kaz ta' *constructive dismissal*. Dr Calleja qalet x'għazla oħra kellu s-Sur De Bono rinfaċċjat b'din it-tweġiba arroganti, kaz klassiku ta' insabordinazzjoni. Dr Calleja rreferiet ghad-Deċizjoni 3066KBC fl-ismjiet *Eileen Leone Ganado u Link School of Languages* fejn it-Tribunal qal li l-mod kif aġixxiet r-rikorrenti rinfaċċjata minn rikjesta leċita tas-superjur tagħha kien inaċċettabbli u dan kien propju kaz li jikkostitwixxi *gross insubbordination*.

B'referenza għall-*account* li fetħet ir-rikorrenti ma' *Linkedin* u dak kollu li s-soċjeta' saret konxja minnhom wara t-terminazzjoni tar-rikorrenti, Dr Calleja qalet li l-Qorti tal-Appell fis-sentenzi fl-ismijiet *James Buhagiar vs Jani Ltd* tas-26 ta' Jannar 2018,

qalet li jekk ikun hemm fatti li jirrizultaw wara t-tkeċċija anki quddiem il-Qorti tal-Appell li minnhom jirrizulta li l-imjegat ma ħaqqux kumpens, m'għandux jiġi kkumpensat. Dr Calleja qalet li s-soċjeta' tat lir-rikorrenti tirrimedja s-sitwazzjoni, tatha ċans tispjega l-pozizzjoni tagħha u kien hemm zmien meta s-Sur De Bono pprova jikkuntentaha u jzidilha l-paga u kien hemm ukoll negozzjati għaddejin u jidher biċ-ċar li r-rikorrenti ma riditx tikkopera.

Dr Calleja b'reazzjoni għall-punt li tqajjem mill-parti l-oħra għall-fatt li zewg xhieda tressqu u mhux aktar minn naħa tas-soċjeta', qalet li r-rikorrenti ma tellgħet l-ebda xhiedha u t-tnejn li ttellgħu ma jiffurmawx parti mis-soċjeta'.

**Dr. Matthew Cutajar** għan-nom tar-rikorrenti, qal li l-fattwalitajiet li rreferiet għalihom il-kollega tiegħu, r-rikorrenti indirizzathom pjuttost b'mod sistematiku, wieħed wieħed. Dr Cutajar aċċenna għall-fatt li minkejja hemm diversi mjegati, xhieda ttellgħu tnejn biss. Huwa qal li minkejja ingħatat l-impressjoni li mar-rikorrenti kien hemm min ma setax jaħdem, x-xhieda tagħhom ma tidher imkien fl-atti. Dr Cutajar għall-kritika li r-rikorenti ma tellgħet lil ħadd, huwa qal li wieħed irid jifhem li għadhom imjegati tas-soċjeta'. Dr Cutajar qal li huwa verosimili li kien hemm element ta' nuqqas ta' koperazzjoni, ta' nsabbordinazzjoni, jew wieħed isejħilha li jrid. Dr Cutajar qal li ejja pero' ma ninsewx li r-rkorrenti saħansitra ġiet offruta pakkett ġdid b'paga awmentata li anki mix-xhieda tas-Sur De Bono jirrizulta li kienu se jizdiedu d-*duties* li ma kienux jiffurmaw parti mill-irwol tagħha. Huwa qal li bejn il-partijiet mhuwiex ikkontestat, illi l-irwol li daħlet fih ir-rikorrenti kien ta' *Maketing Consultant* u wkoll bniet sistema li kienet inezistenti u allura ġabet ċertu element ta' organizazzjoni, u għamlet minn kollox biex tindirizza dawn in-nuqqasijiet. Dr Cutajar qalet li r-rikorrenti marret oltre minn dak li kien mistenni minnha. Huwa qal li r-rikorrenti f'mumenti kienet l-iktar persuna mportanti għas-soċjeta' ntimata, u bdiet tingħatha xogħol li ma kienx fil-parametri tagħha. Dr Cutajar qal ukoll li fl-isfond ta' dan kollu r-rikorrenti mbagħad ġiet offruta kuntratt ulterjuri.

**Kunsiderazzjonjiet**

It-Tribunal biex ikun jista' jiddeċiedi jekk it-talba tar-rikorrenti li saret nhar l-10 ta' Settembru 2020, illi d-deċizjoni ta' tkeċċija meħuda mill-kumpanija tikkonstitwixxi tkeċċija inġusta *ai termini* ta' l-Artiklu 75 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u

tenut kont sbatax-il fatt li ħarġu waqt dan il-proċess, ċjoe:

Li r-rikorrenti kienet taħdem bħala *Marketing Consultant* għall-bidu part time u wara fuq bazi full time;

Li r-rikorrenti ġiet tterminata b'effett mill-29 ta' Settembru 2020;

Li r-rikorrenti u s-soċjeta' kellhom relazzjoni lavorattiva tajba għall-bidu u kien hemm rispett reċiproku;

Li s-soċjeta' ntimata kienet kuntenta bix-xogħol tar-rikorrenti tant li ħasset li għandha toffrilha xoghol full time;

Li s-soċjeta' bdiet topera bi ftit nies, fosthom ir-rikorrenti u kienu f'ambjent ta' famlja, tant li d-diriġenti filfatt kienu membri tal-istess familja ;

Li kif beda jgħaddi z-zmien il-kumpanija bdiet tespandi u wkoll il-covid ġabet opprtunijtajiet għas-soċjeta' li għinu biex tkompli tikber u allura zdiedu wkoll l-impjegati;

Li fl-isfond ta' dan kollu zdied ukoll ix-xogħol li kellu jsir mir-rikorrenti minħabba z-zieda ta' xogħol u mpjegati;

Li kienu bdew negozzjati bejn ir-rikorrenti u s-soċjeta' għal zieda fil-paga li tirrifletti l-varjazzjoni ta' xogħol li ġie assenjat lir-rikorrenti;

Li r-rikorrenti kienet tagħmel xogħlha tali mod li kienet tieħu inizjattivi *oltre* minn dawk li oriġinarjament kienet tagħmel fil-bidu;

Li l-operat tas-soċjeta' maz-zmien beda jsir tali li beda jibdel il-format tiegħu, jespandi u beda wkoll jirrikjedi diversita' ikbar ta' rwoli;

Li r-rikorrenti kienet waħda mill-protagonisti li ġabu r-ristrutturar biex jilqa' u wkoll jistieden aktar diversita' fin-natura tax-xogħol li bdiet topera fih is-soċjeta';

Li ċertu tibdil u zieda fil-kwalita' u kwantita' tal-operat seħħ ukoll bl-intervent u inizjattivi tar-rikorrenti;

Li r-rikorrenti bl-għaġir tagħha stess ħolqot il-bzonn ta' aktar impenn fuqha stess għall-ġid tas-soċjeta' ntimata u attwalment għaliha wkoll billi tikkonsolida l-pozizzjoni tagħha f'dan il-mument ta' espasjoni tas-soċjeta';

Li s-soċjeta' għarfet l-importanza tar-rikorrenti f'dan kollu u wkoll beda jiġi negozzjat kuntratt ġdid tax-xogħol għar-rikorrenti li wkoll deher favorevoli u aprezzat mir-rikorrenti;

Li ma seħħx qbil minn meta ezatt kellu jiġi fis-seħħ dan il-kuntratt ta' mpjieg ġdid, is-soċjeta' tgħid li kellu jiġi fis-seħħ kif tibda sena ġdida u r-rikorrenti jidher li riedet li jigi fis-seħħ hekk kif qablu fuqu ;

Li meta ma qablux fuq meta ezatt għandu jiġi fis-seħħ il-kuntratt tax-xogħol il-ġdid, ir-rikorrenti rritaljat b'diversi modi;

Li meta beda proċess ta' dixxiplina kif kien mistenni li jsir mis-soċjeta', r-rikorrenti qatgħet ħesrem kull forma ta' rikonċiljazzjoni jew ftehim biex ir-relazzjoni lavorattiva tieħu direzzjoni.

**Deċizjoni**

It-Tribunal biex jiddeċiedi kif mitlub, jekk it-terminazzjoni kinitx waħdu ġusta ma qagħdx biss fuq it-terminazzjoni nnifisha, izda kellu jissindika l-avvenimenti kollha li wasslu għall-ġurnata tat-terminazzjoni. Huwa evidenti mill-provi miġjuba li r-rikorrenti kienet għal qalbha b'dan l-impjeg u għamlet minn kollox biex il-post tax-xogħol tagħha javvanza 'l quddiem. S'intendi hija setghet tagħmel dan għax sabet inkoraġġiment mis-Sur De Bono li hu u familtu jmexxu s-soċjeta' ntimata. Bl-impenn li uriet ir-rikorrenti flimkien mal-ħidma tal-kumplament tal-impjegati, s-soċjeta' bdiet tespandi kif filfatt kien mixtieq. Hija ħaġa minn ewl id-dinja li allura se jizdied ukoll ix-xogħol u l-piz għal min qed jipproponieh u jinkwadra dan l-avvanz madwar il-ħiliet u l-attivita' tiegħu stess.

It-Tribunal jinnota li hawnhekk għandna sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti stess u b'interess biex is-soċjeta' ntimata tavvanza u tikber, ħadet mizuri u irsistiet biex jiġu mplimentati aktar strutturi biex propju jikber l-operat.

Hija stess kienet qed tirsisti biex jizdidilha x-xogħol u r-responsabbilita', bħal ma jidher li bdiet tizdied ta' oħrajn. Wasal għalhekk il-waqt fejn ovvjamnet impjegat jippretendi aktar zieda u kumpens li jkopri z-zieda fix-xogħol jew jirrifletti dmirijiet diversi. It-Tribunal jinnota li r-rikorrenti tat għazla lil min iħaddimha: jew jitnaqqsulha d-dmirijiet, jew tingħata paga li tirrifletti din il-varjeta' ġdida ta' dmirijiet. It-Tribunal hawn irid jgħid li jifhem li jista' jkun il-kaz li d-doveri jistgħu jinbidlu u/jew jiddiversifikaw li mhux bilfors jiziedu fil-kwantita', izda n-natura tagħhom tkun tirrikjedi aktar responsabbilita' li jkun ukoll xieraq li tkun ikkumpensata b'aktar ħlas u benefiċċji oħra.

Is-soċjeta' għarfet dan kollu tant li beda u kien kwazi ġie fi tmiemu n-negozjar ta' kuntratt tax-xogħol ġdid. Li ma qablux fuqu r-rikorrenti u s-soċjeta' kien minn meta kellu jiġi applikat.

Hawnhekk bdew sensiela ta' azzjonijiet ta' rezistenza minn naħa tar-rikorrenti biex twassal il-messaġġ lil min jimpjegaha, anzi saħansitra qaltu b'mod dirett li riedet il-pakkett ġdid iminenti. S-Sur De Bono f'isem is-soċjeta' spjegalha li z-zieda mhux lilha biss kien se jtiha għax kellu l-imjegati l-oħra, izda kien se jagħtihielhom kif taqleb is-sena. La tterminazzjoni seħħet fi tmiem Settembru, allura t-Tribunal qed jifhem li kienet se tingħata madwar tliet xhur wara.

Fid-Deċizjoni *Brewster vs Burke and Ministry for Labour (1985)* l-Qorti Suprema tal-Irlanda, stabbilixxiet l-fatt li inċident imqar wieħed ta' insabbordinazzjoni għandu jitqies bħala *gross misconduct* u kull terminazzjoni minħabba f'hekk tkun ġustifikata. Il-Qorti qalet ukoll li mpjegat ikun qed jirrinunzja l-impjeg jekk b'intenzjoni jirrifjuta li jobdi ordni leġittima minn min iħaddmu. Astra Emir fir-riflessjonijiet tagħha fil-ktieb '*Selwyn's Law of Emplyment'*[1], issemmi l-kaz *Clarkson vs Brown, Muff & Co Ltd (1974)* fejn fih ġie kkonsolidat il-fatt li insabbordinazzjoni hija meqjusa bħala *gross misconduct*.

F'dan l-isfond it-Tribunal iqis l-għagir tar-rikorrenti bħala kaz ċar ta' insabbordinazzjoni u allura jikkonsidra l-istess għaġir bħala *gross misconduct*. Imma t-Tribunal ma jieqafx fuq din l-osservazzjoni biss. Kif spjegat aktar 'il fuq, ir-rikorrenti hi stess, u tajjeb li wieħed jgħid b'mod ammirevoli, investiet ħafna enerġija b'diversi modi biex is-soċjeta' tespandi, biex il-post tax-xogħol tagħha stess jespandi u l-irwol tagħha tinħass dejjem aktar neċessarja u prinċipali. Ir-rikorrenti sabet għalqa fertili għax min iħaddimha taha kull inkoraġġiment u fiduċja biex tagħmel dan. Imma l-anqas ma wieħed għandu japprofitta ruħu mis-sitwazzjoni li hu stess ikun ħoloq. Tajjeb kemm hu tajjeb l-għan, jekk jibda b'mod ġenwin, ma jista' qatt jiġi ġustifikat jekk mbagħad jibda jitgħawweġ dan l-għan. It-Tribunal ma jistax ma jinnutax li wara li r-rikorrenti stabbilixxiet il-pozizzjoni tagħha bħala waħda mill-kolonni biex fuqha jistrieħ l-operat tas-soċjeta', għarfet kif għandha ssarrafha għal gwadann personali. Sa hawn hekk ma hawn xejn ħazin, anzi wieħed jammira dan il-vjaġġ. Li ma jistax jaqbel miegħu dan it-Tribunal huwa l-mod kif għaġixxiet r-rikorrenti meta nsiet kompletament li minkejja li kien hemm fiduċja fiha minn naħa tas-soċjeta', ir-relazzjoni xorta kienet waħda lavorattiva ta' ħaddiem u min iħaddmu. Hemm ċerti linji li jkun hemm kemm ikun hemm rispett m'għadhomx jinqabzu, speċjalement meta min iħaddimha beda jurha li xorta hu għadu fit-tmun u r-rikorrenti kellha tirrispetta ċertu deċizjonijiet li kellhom jittieħdu għall-ġid tas-soċjeta' ntimata kollha. S-sur De Bono nnegozja kuntratt li anke għar-rikorrenti kien favorevoli izda ma setax jinjora lill-ħaddiema l-oħra kollha bir-riskju li jinqala' dizgwid u theddid serju għall-post tax-xogħol kollu kieku qabad u ta z-zieda lil imjegata waħda. Irrinfaċċjata b'dan kollu, s-soċjeta' meta intqal lilha mir-rikorrenti li qegħda fuq strajk u qed tirrifjuta li tikkopera u taqdi ċerti dmirijiet nehdiet il-proċess ta' dixxiplina. Ir-rikorrenti kienet għadha fi stadju ta' diskussjoni biċ-ċans li ttiha tweġiba ta' *charge letter*. Ir-rikorrenti hekk għamlet izda r-risposta li bagħtet ir-rikorrenti, kieku kellha tiġi aċċettata bħala ġusta minn dan it-Tribunal, ikun qegħed iwaqqa' l-Liġi tax-Xogħol innifisha għar-redikolu. Meta wieħed jirrikorri għal *Constructive Dismissal* ikun qed jagħmel dan meta jkun tal-

[1] Emir A : '*Selwyn's Law of Employment'* 19-il ed pġ 363.

fehma li ma fadallu l-ebda triq oħra minkejja li ma jkunx ġie tterminat. Ikun jemmen li wasal fi stat li assolutament ma jkunx jista' jkompli jaħdem minħabba ċerti ċirkostanzi.

Li wieħed juza din l-għodda vitali biex jhedded lil min iħaddmu, anzi kif ġara fil-kaz odjern, jisfida lil min iħaddmu biex ikeċċih, u jekk ma jkeċċihx se jirrikorri għall-*constructive dismissal*, ħalli jkun jista' jiftaħ kaz quddiem it-Tribunal Industrijali, ukoll il-fatt li wieħed mhux talli jaħsibha imma wkoll inizzilha bil-miktub, tkompli tikkonferma n-natura ta' sfida u insabbordinazzjoni tar-rikorrenti. It-Tribunal jemmen li f'dan il-kaz odjern is-soċjeta' meta għarrfet li għandha titterminaha, mhux biss kienet qed tagħmel dak li kien ġustament mistenni minnha, izda wkoll issalvagwardjat l-integrita' ta' kif għandha tkun ir-relazzjoni bejn min iħaddem u l-ħaddiem. Jekk ir-relazzjoni ta' bejniethom tizzarma jikrolla kull sens ta' ordni u rispett li minnu nnifsu jsostni ambjent san fuq il-post tax-xogħol li tant hu meħtieġ għas-serħan tal-moħħ tal-impjegati kollha.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tar-rikorrenti hija waħda ġusta u skond il-liġi.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**(Iffirmat)**
**Doreen Parnis**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Miguel Aquilina**
**Ghas-Segretarju**